**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 29 ta' Frar, 2016

Il- Pulizija
(Supt. Mario Tonna)

-vs-

**Johan Pace**
**detentur tal-Karta ta' l-Identita` numru 11077(M)**

Kaz Nru. 155/2008

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Johan Pace talli:

1. Nhar it-12 ta' Frar 2008 gewwa Sqaq Zawri, tal-Pieta`, ikkommetta serq ta' flus, u accessorji, liema valur ta' dawn l-oggetti jeccedu it-LM8000 ekwivalenti ghal €18635 a detriment ta' Michele u Paola Zerafa minn Tal-Pieta`, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-valur u dan ai termini tal-artikoli 261, 263, 267, 279 u 280 tal-Kap.9 ta' l-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess lok, data u hin u that l-istess cirkostanzi ikkometta hsara volontarja fl-istess fond imsemmi fl-ewwel akkuza ghad-dannu ta' Michele u Paola Zerafa minn Tal-Pieta` u dan ai termini tal-artikolu 325 tal-Kap.9 ta' l-Ligijiet ta' Malta;

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

a) Fl-artikoli 261(b)(c)(e), 263(a), 264(1), 267, 269(g), 278(3), 279(b), 280(2) u 281 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Fl-artikoli 49, 50 u 51 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) Fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Hadet konjizzjoni ta' t-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda serqa li sehhet fil-fond numru 1, Sqaq Zawri fi Triq Danny Cremona, Pieta`, nhar it-12 ta' Frar, 2008, fid-9.30am[1] a detriment tal-koppja anzjana Michele u Paola Zerafa.[2] Illi l-Pulizija kienet giet infurmata li kienet qed issehh din is-serqa minn gara li wara rrizulta li kienet certu Jane Formosa, detentrici tal-Karta ta' l-Identita` numru 460355M, li tirrisjedi gewwa l-fond nru. 12, Triq Danny Cremona, liema fond jestendi ghal wara fejn hemm bieb li jiftah fl-isqaq fejn sehhet is-serqa.[3] Fis-serqa kienu nsterqu madwar hdax il-elf Lira Maltin (LM11,000) u oggetti ohra fosthom pistola li kienet *collector's item*.

L-Ispettur Mario Tonna xehed kif wara li fl-Ghassa l-Hamrun kienet dahlet telefonata b'vuci femminili li kienet qed issehh serqa fi Sqaq Zawri, flimkien ma ufficjali ohra tal-pulzija, kien mar fuq il-post u sab il-bieb tar-residenza "*nofsu mkisser u sgassat*"- fol.12; *"dan il-bieb ghamluh skaldi ghax it-tkissir li kien fih litterlament splinters gie dan il-bieb, bicciet, skaldi"*-fol.249. <u>L-ewwel li wasslu fuq il-post kienu WPS 254 Janice Giordmaina u PC 275 Thomas Dimech.</u>[4]

---

[1] Xhieda Jane Formosa -fol.98; PC275 Thomas Dimech; WPS 254 Janice Giordmaina-fol.95; Current Incident Report li jindika l-*Incident Time* - Dok. WPS, fol.98;
[2] Fol.60, Relazzjoni Perit Tekniku Vincent E. Ciliberti
[3] Fol.78
[4] Fol. 247

Ir-rapport tal-Perit Tekniku Vincent Ciliberti jispjega kif meta mar fuq il-post induna li bieb ta' propjeta` ta terzi kien ihares direttament fuq il-bieb principali tal-koppja Zerafa fejn twettaq ir-reat u ghalhekk hass il-htiega li jiehu ix-xhieda tas-sinjura Jane Formosa li kkooperat bi shih; sahansitra binha ghadda lill-Pulizija ritratt tal-persuna suspettuza li wettqet din is-serqa.[5] Irrizulta mill-atti li din il-persuna ma kienitx qed tistenna li tigi mitkellma mill-awtoritajiet ghaliex riedet tibqa' anonima izda jidher li kien il-Perit Tekniku li meta qies il-prossimita` tad-dar taghha mal-fond derubat kien iddecieda li jitkellem maghha.[6] A fol.64 tar-relazzjoni ta' Ciliberti - *"10. Illi fil-hin ta' l-inkjesta, l-esponenti ghamel certu osservazzjonijiet fosthom li wiehed mill-bieben fl-isqaq, propjeta` ta' terzi ihares direttament fuq il-bieb principali tal-konjugi Zerafa fejn twettaq dan ir-reat. 11. Illi fic-cirkostanzi, l-esponenti deherlu li kienet rikjesta ukoll ix-xiehda tas-sinjura Jane Farrugia residenti f.'nru 12, Triq Danny Cremona, Hamrun. 12. Illi is-sinjura Jane Farrugia gentilment offriet il-koperazzjoni shiha f'din l-inkjesta, u shansitra binha Christian ta' hamsa u ghoxrin sena gibed ritratt tal-persuna suspettuza li wettaq din is-serqa.".*

Jane Formosa, detentrici tal-Karta ta' l-Identita` numru 460355(M), giet mitkellma mill-perit tekniku sieghat biss wara li sehhet is-serqa, fis-1.50pm. Hija nfurmat lill-perit tekniku li l-fond taghha jestendi ghall-sqaq fejn twettqet is-serqa, fejn ghandha bieb kwazi faccata tal-bieb tal-fond minn fejn twettqet is-serqa. Formosa qalet li s-Sibt ta' qabel, filghodu, tlett ijiem qabel is-serqa li twettqet nhar it-Tlieta 12 ta' Frar, 2008, kienet lemhet ragel bilqeghda fuq bank li ma kienx qed joghgobha. Dakinhar tas-serqa ghall-habta tad-9 ta' filghodu kienet regghet lemhitu fl-istess post bilqeghda fuq l-istess bank, b'*mobile* f'idu, ihares madwaru. Hi tghid li tarfet lil binha bit-thassib taghha li minn naha tieghu gibed ritratt ta' din il-persuna u dan sar minhabba dak li kienet osservat is-Sibt ta' qabel- *"...u t-tifel dan ghamlu fid-dawl ta' dak li osservajt jien nhar is-Sibt, u anke il-fatt li dan ir-ragel rega tfacca anke dalghodu".*[7] Fi kliem il-perit tekniku kopja tar-ritratt mehud minn binha gie mghoddi lil Pulizija u fil-fatt l-Ispettur Tonna fil-kors tax-xhieda tieghu jipprezenta dan ir-ritratt bhala Dok. MT3 (fol.13, 14, 40).

---

[5] Fol.65

[6] A fol. 162 jirrizulta deffinitavment li hi l-istess persuna li x-xhieda taghha ittiehdet mill-Perit Cilberti in vista tal-indirizz u n-numru tal-ID card u ghahekk hi Jane Formosa u mhux Jane Farrugia, Dan hu kkonfermat minn Jane Formosa nnifisha meta quddiem din il-Qorti tghid a fol.220 *",,,,jien kont ghamilt telefonata anonima….u mbaghad qalluli kien hem xi misunderstanding u spiccajt kellhi nixhed. Jigifieri ma kontx naf li ser jigi l-espert tal- Qorti d-dar ghax ma kienx xi hadd infurmani minn qabel."*

[7] Fol.79

Din il-Qorti ma tara li ma hemm ebda ekwivoku dwar il-jum li fih ittiehed ir-ritratt li kien fil-jum tas-serqa xi hin qabel ma dahhlet it-telefonata l-Ghassa tal-Hamrun. Lanqas ma jifdal dubbju dwar il-hin li saret it-telefonata fejn gie rrapurtat li kienet qed issehh is-serqa in kwistjoni. Kif jixhed il**-PIRS u kif xehdu WPC 254 Janice Giordmaina, PC 275 Thomas Dimech kif ukoll l-istess Formosa,** [8] dan sehh **ghall-habta tad-9.30am.** Il-Perit Tekniku wkoll jikkonkludi li s-serqa sehhet f'xi hin bejn id-<u>9.30am u l-10.30am/10.45</u>.[9] Paola Zerafa, id-derubata, tixhed quddiem din il-Qorti diversament preseduta li kienet harget f'xi l-ghaxra ta' filghodu.[10] Mary Anne Mifsud, bint id-derubati, xehdet quddiem il-Perit Tekniku[11] li missierha kien qalilha li kienu hargu mid-dar ghal xi **9.30am**. Bint id-derubati tispjega kif <u>ghal xi l-10.30am-10.45am kien mar</u> gar tal-grocer taghha, li nformaha li kien gara xi haga fl-isqaq fejn jirrisjedu l-genituri taghha. Hi kienet pronta w marret fuq il-post peress li jinsab vicin il-grocer taghha fejn sabet ufficjali tal-pulizija[12] Ghalhekk anke hawn jidher li l-hin tad-9.30 hu effettivament il-hin li fih twettqet is-serqa. Ix-xhieda ta' WPC 254 Janice Giordmaina, PC 275 Thomas Dimech hi rilevantissima dwar dan tenut kont ukoll li kienu minn ta l-ewwel li wasslu fuq il-post kif gja inghad.[13]

Ix-xhud Formosa taghti rendikont ta' x'gara ftit wara li kienet lemhet lil persuna, li sussegwenetement gharrfet bhala l-istess persuna li jidher fuq ir-ritratt DOK MT3 (fol.40). Tghid li kien ghal xi **<u>9.15am-9.30am meta semghet tahbit vicin</u>,**[14] u hekk kif zdied il-hoss, ittawlet minn fuq il-bejt u *"rajt lil dan l-istess ragel li kien fuq il-bank, u rajtu jissara mal-bieb."*[15] Fix-xhieda taghha quddiem din il-Qorti, diversament preseduta, <u>ftit aktar minn sentejn wara,</u> s-sinjura Formosa tikkonferma li lill-espert Ciliberti *"Jiena ghidtlu dak li rajt dik il-gurnata.....Dik il-gurnata filghodu kont qed niehu bela kafe` u nara persuna li kont rajtu is-Sibt ta' qabel. U l-movimenti tieghu inkwetawni daqxejn...U qisni ghajna noqritni naqra, daqxejn. U kelli it-tfal id-dar ghax insertaw kienu ma jifilhux u din il-persuna hadtlu ritratt......Hadtlu ritratt ghax tant inkwetani. U daqshekk kienet, ghaddiet u mietet. U mbaghad kont fuq il-bejt nonxor u bdejt nisma tahbit li kien inkwetani daqxejn. Ittawwalt u l-istess persuna li rajt hemmhekk, rajtha qed jiftah il-bieb, kif*

---

[8] Xhieda Jane Formosa -fol.98; PC275 Thomas Dimech; WPS 254 Janice Giordmaina-fol.95; Current Incident Report li jindika l-*Incident Time* - Dok. WPS, fol.98;

[9] Fol.62

[10] Fol.102

[11] Fol.75

[12] Fol.74

[13] Fol.247

[14] Dan il-hin indikat jassumi rilevanza kif tittiehed konjizzjoni tad-dokumenti a fol.39 formanti parti minn Dok.MT2

[15] Ibid.

*nghidu jaghti bl-ispallejn biex jiftah il-bieb tas-sinjuri….Mr and Mrs Zerafa."*-fol.221. Tikkonferma wkoll ix-xhieda moghtija lil Ciliberti fl-intjier taghha -a fol.224.

Izzid *"Jiena kont anke rajtu is-Sibt ta' qabel kumbinazzjoni ghax dak qisu, iqum u joqghod, dak il-hars fitt".* Meta giet murija ir-ritratt esebit bhala Pic 0006 bhala Dok.B fir-relazzjoni tal-espert tekniku Martin Bajada, li hu kopja identika ta' Dok. MT3 (fol.43), bla tlaqliq jew xi forma ta' ezitazzjoni tixhed fl-affermattiv, ***"Ehe"*** filwaqt li ftit qabel tikkonferma li dak kien ir-ritratt li ngibed mir-residenza taghha.[16] Fuq mistqosija mill-Qorti dwar jekk il-persuna fir-ritratt kienx l-istess persona li rat jaghti mal-bieb tad-derubati tghid *"Issa wara sentejn hu…imbaghad anke jilbes nuccali tax-xemx taf. Ma rridx inkun one hundred percent (100%) sure ghax naf x'jigrili wara sentejn…..**Qorti: Huwa l-istess wiehed sinjura? Xhud: Li kien fuq il-bank dak il-hin rajnieh beda jaghti fl-ispalla fuq il-bieb**"*- Fol.223.

In kontro-ezami tghid kif kienet hi li ghaddiet ritratt lill-pulizija: *"Dik il-pulizija li gew biex jigbru r-ritratt hbieh taht il-beritta u qalli 'toqghodx tinkwieta mhux se jinqala xejn' u spiccajt hawn."*- fol.225 Ma jridx jintnesa li meta saru tfittxijiet fuq Pace, l-Ispettur Tonna jixhed: *"kont hadtlu wkoll berritta sewda u nuccali tax-xemx li allegatament skond ix-xhieda okulari kienu anke rawh fil-post imsemmi bihom."*-fol.13. WPC 254 Janice Giordmaina tikkonferma li *"Minn gol-vettura, jidhirli li kien hemm xi barnuza, nuccali iswed…."*[17]*.* Is-sinjura Formosa kienet ferm preciza u taghti deskrizzjoni dettaljata kemm ta' meta rat lil din il-persuna kif ukoll dwar dak li kellu f'idu u cioe' *"Qed nassumi mobile hu…Idejh ma widnejh hu.*"[18] Tghid li s-Sibt ta qabel meta ratu l-ewwel darba ratu ukoll jkellem ragel iehor li sussegwentement telqu fuq riglejhom l-isfel.[19] Ix-xhud ma ssemmix li qatt ratu ma xi tfal jew ma xi persuna femminili, u dan ser jassumi sinifikat meta omm it-tarbija tal-imputat, Catherine MacKay, tixhed li gieli tat access lill-imputat f'dawk l-inhawi u senjatament fil-gnien li jirrizulta kien Gnien Oreste Kirkop, li jigi vicin id-dar tax-xhud! Formosa tiddikjara li hi kienet ratu biss darbtejn - is-Sibt ta' qabel il-jum li fih sehhet is-serqa u cioe' nhar it-Tlieta, 12 ta' Frar, 2008, dakinhar tas-serqa hu u jisgassa l-bieb tal-fond tad-derubati.

L-espert tekniku Martin Bajada gie mitlub mill-Qorti biex jindika fejn huma sitwati is-*cells* li jissemmew a fol.39 (Dok MT2) a fol.39. Dawn il-

[16] Fol.222
[17] Fol.96
[18] Fol.226
[19] Ibid.

*localizations* juru li mill-hin ta' **9:18:59 sa qabel l-10:04:37 il-*mobiles* tal-imputat kienu nqabbdu mis-*cell* ta' St. Martins C,** li mid-dokumentazzjoni pprezentata minn Bajada a fol.253 bhala Dok MBX1-3, St. Martin's B u C huma **ftit distanza l-boghod** mill-post fejn sehhet is-serqa. Bizzejjed wiehed jinnota kif fid-dokumenti MBX1 u MBX3 tidher **parti tat-Triq Danny Cremona.**[20] Ma jridx jitnessa dak ikkonstat mill-Perit Ciliberti a fol.58 *et seq*. li **Sqaq Zawri huwa sqaq fi Triq Danny Cremona li hija it-triq fejn tirrisjedi ix-xhud okular**i!! Fil-fatt din ix-xhud kienet indikat lill-perit tekniku li semghet hsejjes xi hin bejn id-9.15 u id-9:30am tat-12 ta' Frar, 2008– fol.79. L-imputat jibqa fl-istess inhawi (ghax jinqabad mic-cell ta' San Luqa), sa xejn inqas mill-10:43:49.

L-abbli difensur jsejjes id-difiza tieghu fuq il-hin tas-serqa, fejn gustament jikkapitalizza mix-xhieda tal-Ispettur Tonna meta jigi indikat il-hin li fih giet rrapurtata is-serqa bhala dak tal-hdax nieqsin kwart (10:45). Kif gja gie senjalat aktar il-fuq izda l-Ufficjali tal-Pulizija li kienu minn tal-ewwel li wasslu fuq il-post, u cioe' WPS 254 Giordmaina (fol.95) kif ukoll PC275 Thomas Dimech (fol.113), u kif kkonfermat fl-Incident Report fol.79, jindikaw li l-hin li fiha giet rrapurtata li qed issehh serqa kien dak tad-**9:30am**. Fil-fatt l-Incident Report jindika l-*Incident Time* bhala dak ta' 9:30am u huwa biss il-hin li ddahhal ir-rapport, ir-*Report Time*, li hu indikat bhala dak tal-10.45am. Ix-xhud okulari tikkorrobora dan.[21] Ma jridx jitnesa li kien ghal xi 10.30-10.45 meta bint id-derubati kienet infurmata minn garr taghha b'dak li kien qed jigri biswit, fl-isqaq fejn jghixu il-genituri taghha, u li meta wasslet il-pulizija kienu gja fuq il-post.[22]

Kif ukoll gie sottolinejat aktar il-fuq, ix-xhud okulari qatt ma rat lill-imputat b'xi tfal fl-inhawi tar-residenza taghha u kienet ferm deskrittiva dwar dan. Din il-Qorti hi konvinta li imqar b'rispett ghal wild taghhom, Catherine Mackay ma kellha xejn xi jzommha milli taghti l-ispjegazzjoni li tat quddiem din il-Qorti lill-Pulizija, anke b'mod diskret. Kif tixhed MacKay stess, hi kienet iccempillu ta' spiss sahansitra anke fil-jum tar-reat u ghalhekk ir-relazzjoni ta' bejniethom qatt ma setghet kienet daqshekk hazina li hija kienet lesta thalli lil missier bintha jigi akkuzat b'akkuzi tant serji ghal hames snin ingustament meta dan effettivament kien innocenti. Wisq anqas sar xi tentattiv simili mill-imputat li meta nterrogat mill-Ispettur Tonna (fol.17) ma offra ebda spjegazzjoni ghall-prezenza tieghu f'dawk l-inhawi.

[20] indikata biss bhala "**mona**" fuq il-parti t'isfel fin-naha tax-xellug tas-sit indikat bhala St. Martin's f'B u indikata biss bhala "**mona**" fuq il-parti ta'fuq fin-naha tax-xellug tas-sit indikat bhala St. Martin's B & C f'**MBX3- fol.** .

[21] Fol.98

[22] Fol.74

Persuna li tghozz il-liberta` w l-innocenza taghha zgur ma kienitx ser tibqa siekta u tissoggetta ruha ghall-akkuzi inveritjeri u ngusti! Il-Qorti thoss li x-xhieda ta' Mackay ma ghandhiex mis-sewwa u ma hix kredibbli.

Quddiem il-Perit Tekniku Ciliberti Paola Zerafa xehdet li kienu nsterqu flus kontanti fl-ammont **ta' l-fuq minn tmient elef Lira Maltija (LM8,000) – (fol.65). Sussegwentement** quddiem din il-Qorti Paola Zerafa fejn tixhed li l-ammont misruq kien ta' **madwar hdax il-elf Lira Maltin (LM11,000) fi flus kontanti - fol.102**.

Rigward il-hsara li saret fil-fond tad-derubati, l-espert Ciliberti jistima li l-hsara li twettqet fuq il-bieb kienet ta madwar €480 *"minhabba li l-bieb gie nserrat minn zewg postijiet, sgassat b'forza l-gewwa, u per konsegwenza saritlu hsara irrimedjabbli"*.

Illi minn dak li rrizulta mill-atti din il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova sal-grad rikjest mil-ligi **l-ewwel imputazzjoniji** skont l-artikoli indikati fin-nota ghar-rinviju tal-gudizzju ta' l-Avukat Generali.

Illi t-**tieni imputazzjoni** ukoll tinsab ampjament ippruvata. L-espert Ciliberti jistima li l-hsara li twettqet fuq il-bieb kienet ta madwar €480 *"minhabba li l-bieb gie nserrat minn zewg postijiet, sgassat b'forza l-gewwa, u per konsegwenza saritlu hsara irrimedjabbli"*. Din l-imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni.

L-imputat jinsab addebitat bl-addebitu tar-recidiva fit-**tielet imputazzjoni** ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 51 tal-Kodici Kriminali. Illi fl-atti giet ezebita sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali datata 14 ta' Novembru, 2006. Id-difiza kienet ezentat il-prosekuzzjoni mill-prova tal-identita` tal-imputat.[23] L-imputat odjern kien wehel erba mitt Lira Maltin (LM400). Ghalhekk l-imputat qed jinsab li huwa recediv a tenur ta' l-artikoli indikati.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 20, 23, 31, 49, 50, 51 261(b)(c)(e), 263(a), 264(1), 267, 269(g), 278(3), 279(b), 280(2), 281, 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah ghal tlett snin (3) snin prigunerija.

[23] Verbal 20 t'April 2009

Inoltre' a tenur tal-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tohrog Ordni tat-Trazzin fil-konfront tal-imputat ghaf-favur ta' parti leza, Michele u Paola Zerafa u l-familja taghhom, kif ukoll ghaf-favur ta' Jane Formosa u ghal-familja taghha ghal zmien tlett (3) snin skont id-digriet anness li ghandhom jibdew jiddekorru minn dik il-gurnata li l-imputat ikun skonta il-piena li giet inflitta fuqu minn din il-Qorti.

Wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' tmien mija u sittax il-Euro u seba u sittin centezmi (€816.67) rapprezentanti hlas ta' l-ispejjez tal-esperti mahtura. F'kaz li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx ghandu jigi konvertit fi prigunerija ai termini tal-ligi.

Finalment wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu 9, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446, tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lil hati ihallas lil is-somma ta' hamsa u ghoxrin elf, sitt mija u tlieta u ghoxrin Ewro (€25,623) rapprezentanti hdax il-elf Lira Maltin (LM11,000) lil parti leza Michele u Paola Zerafa u dana fi zmien tlett snin mill-lum.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**